



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.6.2022  
COM(2022) 317 final

ANNEX

ANNEX

*tar-*

**Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku  
u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni**

**dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022**

# **Stħarriġ dwar l-implimentazzjoni tal- Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022**

**Analiżi dwar it-tweġibiet mill-Istati Membri tal-UE**

**Anness tar-Rapport tal-Kummissjoni  
dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022**

## Sommarju tar-riżultati tal-Istħarriġ

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri (SM) dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022 (WP) permezz ta' kwestjonarju mibgħut permezz tal-għodda tal-IT EUSurvey. L-istħarriġ kien jinkludi mistoqsijiet ta' klassifikazzjoni (l-attribuzzjoni ta' punteġġ bejn 1 u 6), mistoqsijiet iva/le u mistoqsijiet kwalitattivi b'test miftuħ. L-inputs waslu sat-28 ta' Jannar 2022.

Il-Kummissjoni ppreżentat sommarju tat-tweġibiet għal dan l-Istħarriġ lill-Kumitat għall-Affarijiet Kulturali tal-Kunsill, li ltaqa' fl-10 ta' Frar 2022.


Dan id-dokument jippreżenta analiżi tat-tweġibiet skont l-istruttura tal-Istħarriġ. L-analiżi tad-*data* kienet appoġġata min-Network Ewropew ta' Esperti dwar il-Kultura<sup>1</sup>.

### 1. IL-PRIJORITAJIET TAL-PJAN TA' ĦIDMA GĦALL-KULTURA

Il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022 jiddefinixxi sitt priyoritajiet tematiċi.

L-Istati Membri ntalbu jivvalutaw **ir-rilevanza** ta' dawn il-priyoritajiet għall-politiki kulturali fil-livell tal-UE u tal-pajjiżi. Is-27 tweġiba juru li tliet priyoritajiet huma kkunsidrati ta' rilevanza ewlenija għall-politika kulturali fil-livell tal-UE: (1) Is-sostenibbiltà fil-wirt kulturali, (2) Il-kultura bħala xprunatur tal-iżvilupp tas-sostenibbiltà u (3) Ekosistema li tappoġġa lill-artisti, lill-professjonisti kulturali u kreattivi, u lill-kontenut Ewropew.

*Illustrazzjoni 1: L-ikklassifikar tas-sitt priyoritajiet attwali tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022 skont kemm huma/kienu rilevanti għall-politika kulturali fil-livelli tal-UE u tal-pajjiżi*



[mistoqsijiet-1.1.-A/B, medja, n=27]

Il-priyorità tematika “Ekosistema li tappoġġa lill-artisti, lill-professjonisti kulturali u kreattivi u lill-kontenut Ewropew” ikklassifikat l-ewwel f'termini ta' rilevanza għall-

<sup>1</sup> Network Ewropew ta' Esperti dwar il-Kultura (EENC); l-espert li pprova l-analiżi tad-*data*: Marcin Poprawski.


politika kulturali fil-livell nazzjonali, segwita mill-prijoritajiet tematiċi “Is-sostenibbiltà fil-wirt kulturali” u “Koeżjoni u benesseri”.

Il-prijorità tematika “Il-kultura bħala xprunatur għall-iżvilupp sostenibbli” hija meqjusa bħala aktar rilevanti għal-livell tal-UE milli għal-livell tal-pajjiż. “L-ugwaljanza bejn il-ġeneri” u “Ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali” jitqiesu bħala l-inqas rilevanti għaż-żewġ livelli. Tnejn biss mis-sitt prijoritajiet tematiċi jidheru li huma pperċepiti bħala aktar rilevanti għal-livell nazzjonali. Dan jista’ jiġi interpretat bħala indikazzjoni li l-pjan ta’ ħidma jista’ jkun strument aktar xieraq għat-tfassil tal-politika fil-livell Ewropew aktar milli fil-livell nazzjonali.

## 2. VALUR MIŻJUD TAL-PJANIJIET TA’ ĦIDMA GĦALL-KULTURA

Għall-Istati Membri, il-valur miżjud tal-pjanijiet ta’ ħidma jidher li jinsab primarjament fil-fatt li jgħinu biex jittejjbu l-post u r-rwol tal-kultura f’politiki u programmi oħra; barra minn hekk, fil-fatt li jinfurmaw u jispiraw it-tfassil tal-politika dwar il-kultura f’oqsma ġodda. Għall-kuntrarju, il-pjanijiet ta’ ħidma huma perċepiti li għandhom l-inqas valur miżjud fir-rigward tat-titjib ta’ kif il-politiki kulturali jiġu evalwati u implimentati fil-livell nazzjonali.

**Illustrazzjoni 2: Klassifikazzjoni ta’ aspetti differenti tal-valur miżjud tal-pjanijiet ta’ ħidma għal-livelli nazzjonali/subnazzjonali**



[mistoqsija-2.1.-medja, n=27]

L-istħarriġ ta’ opportunità lir-rappreżentanti tal-Istati Membri biex jaqsmu opinjonijiet u suġġerimenti dwar il-valur miżjud tal-pjanijiet ta’ ħidma għall-politiki nazzjonali jew subnazzjonali. Il-biċċa l-kbira tat-tmax-il rappreżentant, li wiegħbu fuq dan il-punt, sabu li: (1) Il-pjanijiet ta’ ħidma jistgħu jispiraw proċessi ta’ riforma tal-politika kulturali u jiggwidaw l-iżvilupp ta’ politika ġdida fil-livell nazzjonali peress li l-isfidi spiss ikunu simili fl-Istati Membri anke jekk il-kuntest jista’ jvarja; (2) il-pjanijiet ta’ ħidma jipprovdu orizzont usa’, stampa akbar u valur fid-diskussjoni ta’ kwistjonijiet orizzontali bħall-ambjent, il-ġeneru, il-bidla diġitali, u l-mobbiltà fil-livell tal-UE; (4) il-pjanijiet ta’ ħidma saħħew ir-rabtiet bejn il-finanzjament u t-tfassil tal-politika; (5) il-pjanijiet ta’ ħidma jgħinu fil-konsolidazzjoni tal-qafas eżistenti, jiddeskrivu prijoritajiet ġodda, għandhom impatt qawwi fuq l-integrazzjoni tal-kultura f’oqsma ta’ politika oħrajn, speċjalment billi


jtejbu l-kooperazzjoni interistituzzjonali; (6) il-pjanijiet ta' ħidma jistgħu jqajmu kuxjenza dwar kwistjonijiet li jew jitqiesu bħal aċċertati jew li jiġu emarġinati fil-politiki nazzjonali u jsaħħu l-kooperazzjoni transsettorjali, il-kokreazzjoni, u l-mobbiltà għal pajjiżi jew reġjuni iżgħar; u, fl-aħħar nett (7) il-prijorità tal-pjanijiet ta' ħidma ma hijiex li jevalwaw il-politiki pubbliċi iżda li jrawmu d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-kultura.

Ingħatat attenzjoni speċjali lir-rwol ta' gruppi b'Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) li ta l-opportunità lill-Istati Membri kollha biex jipparteċipaw fi skambji u apprendiment reċiproċi, fil-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki, u f'interazzjonijiet ma' esperti dwar kwistjonijiet ta' interess komuni. Ir-rispondenti tal-istħarriġ jindikaw li l-komunitajiet u n-networks żviluppaw b'riżultat ta' dan. Rispondent ieħor jenfasizza li l-valur miżjud ta' MMK jiddependi fuq kemm is-suġġetti tal-MMK huma relatati mal-prijoritajiet ta' politika ta' Stat Membru.

Xi rispondenti għamlu suġġerimenti relatati mat-trasferibbiltà, mal-komunikazzjoni effettiva u mar-riflessjoni dwar it-temi u r-riżultati ewlenin tal-pjanijiet ta' ħidma fil-livelli nazzjonali u subnazzjonali, filwaqt li enfazzjaw li huma meħtieġa sforzi speċjali f'dan ir-rigward. It-tieni suġġeriment importanti jikkonċerna oqfsa ta' evalwazzjoni li jistgħu jiżdiedu mal-pjan ta' ħidma futur bħala parti minn approċċ metodoloġiku għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu.

Mistoqsija separata ffokat fuq il-valur miżjud tal-pjanijiet ta' ħidma f'termini ta' kollaborazzjoni fil-politika kulturali. Ir-riżultati juru li d-dimensjoni kollaborattiva tal-pjan ta' ħidma tidher li ttejjeb il-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni. L-effett fil-livell nazzjonali jista' jkun li ttejjeb il-kollaborazzjoni ma' dipartimenti u ma' setturi oħra tal-gvern. Dak li jidher anqas vantaġġuż huwa t-titjib tal-kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati jew bejn l-awtoritajiet ta' livelli amministrattivi differenti fl-Istati Membri.

**Illustrazzjoni 3: Klassifikazzjoni ta' aspetti differenti tal-valur miżjud tal-Pjan ta' Ħidma għall-kollaborazzjoni fil-politika kulturali**




[mistoqsija-2.3, -medja, -n=27]

Fil-parti kwalitattiva tal-istħarriġ, xi Stati Membri qiesu li l-valur tal-pjan ta' ħidma għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar fit-test tiegħu. Suġġeriment relatat ieħor jindika l-vantaġġi li jiġu pprovduti definizzjonijiet ċari u li jiġu diskussi l-indikaturi fi stadju inizjali tax-xogħol.

### 3. METODI TA' ĦIDMA

Sezzjoni separata tal-istħarriġ ġabret opinjonijiet dwar il-metodi ta' ħidma tal-pjan ta' ħidma.


*Illustrazzjoni 4: Opinjoni dwar l-adeqgatezza tal-metodi ta' ħidma*



[mistoqsija-3.1, għadd-ta' tweġibiet, n=27]¶

It-tweġibiet miġbura juru li l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri (24) isibu li l-metodi ta' ħidma attwali huma l-aktar xierqa biex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjan ta' ħidma.


*Illustrazzjoni 5: Klassifikazzjoni tal-metodi ta' ħidma skont l-adeqgatezza tagħhom biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Pjan ta' Ħidma*



[mistoqsija-3.2, medja, n=27]¶

B'mod aktar speċifiku, l-Istati Membri jesprimu preferenza għall-metodu tal-MMK, segwit mill-qrib minn workshops bħala metodu tat-tieni preferenza. L-attivitajiet ta' apprendiment bejn il-pari, il-konferenzi, l-istudji, u s-seminars ta' rendikont jikklassifikaw aktar baxxi fil-lista ta' preferenzi. L-apprendiment bejn il-pari jidher kemxejn inqas ippreferut mill-metodi l-oħra.

### Illustrazzjoni 6: Opinjonijiet dwar il-ħtieġa għal metodi ta' ħidma addizzjonali



[mistoqsija 3.3, għadd ta' tweġibiet, n=27]

Għaxar Stati Membri esprimew il-fehma li xi metodi ta' ħidma jistgħu jkunu neqsin u pproponew metodi oħra li jinkludu: (1) Azzjonijiet sperimentali u pilota offruti bħala gruppi ta' ħidma qosra (6 xhur) dwar kwistjonijiet speċifiċi, magħmula minn 5-7 sottogruppi ta' Stati Membri. Dan ifisser gruppi ta' ħidma iżgħar u iqsar biex jiġu ttestjati l-ideat, b'anqas talbiet għal rapportar u b'aktar flessibbiltà. (2) Laqgħat ta' esperti jew ta' gruppi ta' riflessjoni peress li dawn jagħtu l-opportunità li jiġu ttestjati l-ideat. (3) Format: Laqgħat inqas formali tas-CAC bħala metodu ta' ħidma utli għal gwida strateġika u evalwazzjoni, eż. gruppi ta' kompiti tal-Istati Membri jew laqgħat konġunti ta' korpi preparatorji. B'mod ġenerali, suġġeriment ripetut jipproponi attivitajiet iqsar u aktar effettivi ta' taġġim bejn il-pari. (4) L-organizzazzjoni ta' żjarat ta' studju komplementari għall-gruppi tal-MMK. (5) Djalogu strutturat u kkonsolidat mas-settur kulturali u s-soċjetà ċivili bħala metodu ta' ħidma tal-pjan ta' ħidma.

#### 4. SUĖĠETTI TAL-PJAN TA' ĦIDMA

Ir-raba' qasam tal-istħarriġ kien relatat mar-rilevanza **tas-suġġetti li għandhom jiġu indirizzati fil-futur**.

Is-suġġett li ssemma' l-aktar ta' spiss bħala suġġett li għandu **jiġi rivedut** fil-pjan ta' ħidma li jmiss huwa **r-relazzjoni tal-kultura mal-valuri tas-sostenibbiltà**. Dan jinkludi mhux biss kwistjonijiet relatati mat-tibdil fil-klima iżda wkoll is-sostenibbiltà tal-ekosistema tal-kultura u tal-wirt kulturali fi ktajjen ta' valur differenti.

Ir-rispondenti pproponew li dan is-suġġett jista' jiġi indirizzat minn varjetà ta' angoli li jistgħu jinkludu: (1) Il-kontribut tal-kultura għall-ilħuq tal-SDGs; (2) L-arti, il-kultura u l-wirt fir-rigward ta' t-tibdil fil-klima jew l-adattament għalih; (3) Referenza għall-kultura bħala mutur għal tranżizzjoni sostenibbli; (4) Il-kunċett ta' sostenibbiltà tal-ekosistema tal-kultura u tal-wirt kulturali fi ktajjen ta' valur differenti.

Iż-żewġ temi eżistenti l-oħra li ssemmew diversi drabi bħala ta' min jiġu riveduti huma **l-istatus, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u dawk soċjali jew ir-reżiljenza tal-professjonisti kulturali u kreattivi u l-approċċ strateġiku għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-UE**.

Is-suġġetti eżistenti l-oħrajn kollha ssemmew inqas fit-tweġibiet.

F'dak li għandu x'jaqşam ma' **suġġetti ġodda** li għandhom jiġu żviluppati fil-pjan ta' ħidma futur, joħorġu tliet raggruppamenti mit-tweġibiet tal-istħarriġ:

L-ewwel raggruppament jirrifletti x-xewqa li l-kultura u l-arti jintużaw biex jiġi indirizzat **it-tibdil fil-klima** b'mod proattiv, jiġifieri permezz ta' turiżmu kulturali sostenibbli; il-ġestjoni sostenibbli tal-patrimonju; ekonomija ċirkolari fil-ktajjen tal-valur fis-settur kulturali; trasformazzjoni ekoloġika fis-Setturi Kulturali u Kreattivi (CCS) u proċessi ta' disinn għal soċjetà sostenibbli.


It-tieni raggruppament qed jiġbor suġġetti relatati mad-**demokrazija u l-edukazzjoni**, pereżempju: il-kultura, id-demokrazija u l-koeżjoni; l-edukazzjoni interkulturali; sinerġiji mal-edukazzjoni, speċjalment l-edukazzjoni artistika; edukazzjoni kulturali u kreattiva għal kulħadd; skambji dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Faro.

It-tielet raggruppament (akbar) huwa relatat ma' **kwistjonijiet tat-teknoloġija diġitali**, inklużi suġġetti bħal: id-diversità kulturali u artistika fl-ambjent diġitali; id-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali; il-ħolqien kulturali fis-swieq/fl-ambjent diġitali (enfażi fuq il-blockchain u l-Intelliġenza Artifiċjali) kif ukoll it-trasformazzjoni diġitali fis-CCS (impatti fuq il-katina tal-valur, mudelli tan-negozju, udjenzi diġitali).

Blokk separat ta' proposti jirreferi għar-realtà ta' wara l-pandemija, jiġifieri: **l-irkupru, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-CCS**, inkluż pożizzjonament aktar sod, kontinwu u fit-tul fir-riżorsi ta' finanzjament; u l-kultura bħala fattur ewlieni fil-promozzjoni **tas-saħħa u l-benesseri mentali**. L-għadd ta' tweġibiet jissuġġerixxi li dan huwa suġġett popolari u attwali illum; madankollu, għandu jiġi riformulat biex jinkludi r-reżiljenza għal kriżi globali ta' kwalunkwe tip sabiex tinżamm ir-rilevanza tiegħu.

Taqsimha separata fl-istħarriġ kienet iddedikata għall-ġbir ta' opinjonijiet dwar il-possibbiltà ta' approċċ aktar speċifiku għas-settur fil-pjan ta' ħidma. Wieġbu l-Istati Membri kollha.

#### **Illustrazzjoni 7: Opinjoni dwar approċċ aktar settorjali għall-Pjan ta' Ħidma futur**



[mistoqsija 4.2, għadd ta' tweġibiet, n=27]



Għalkemm ir-rappreżentanti tal-Istati Membri jidhru li huma diviżi fuq din il-kwistjoni, il-maġġoranza (15 minn 27 tweġiba) huma favur l-approċċ settorjali.


Dawk favur l-approċċ settorjali enfasizzaw il-ħtieġa li tittieħed azzjoni b'mod aktar immirat, aktar konkret u aktar effettiv, li tkun tista' tindirizza ħtiġijiet u problemi speċifiċi b'miżuri mfassla apposta, jiġifieri li jiġi infurmat l-iżvilupp ta' programmi ta' finanzjament.

Dawk favur approċċ orizzontali jsibuh aktar xieraq sakemm ma jkunx hemm kwistjoni konkreta relatata mas-settur li titlob l-attenzjoni. Xi wħud jargumentaw li ħafna mill-isfidi kontemporanji huma trażversali għal diversi CCSs. Oħrajn isostnu li l-ispeċifità jiet u l-kapaċità jiet settorjali huma diversi wisq fl-Istati Membri u li hemm differenza ċara fl-oġettivi u fl-approċċi bejn pjan ta' ħidma (pjan ta' kooperazzjoni fil-politika) u programm ta' finanzjament bħal Ewropa Kreattiva. Barra minn hekk, hemm xi tħassib relatat mar-riskju ta' enfażi fuq xi setturi għad-detriment ta' oħrajn. Argument ieħor favur l-approċċ orizzontali huwa li l-kultura qed issir dejjem aktar interdixxiplinarja.

Waħda mit-tweġibiet argumentat li approċċ tematiku jew speċifiku għas-settur ma għandux għalfejn ikun reċiprokament esklużiv.

L-istħarriġ iffoka wkoll fuq il-pandemija u r-reżiljenza tas-CCS. Dan is-suġġett jidher li x'aktarx jibqa' prijorità ewlenija possibbli fil-pjan ta' ħidma għall-Kultura li jmiss peress li s-setturi ma rkuprawx bis-sħiħ mill-impatt qawwi tal-kriżi.

**Illustrazzjoni 8: Opinjoni dwar l-irkupru u r-reżiljenza huma fost il-prijoritajiet tal-Pjan ta' Ħidma li jmiss**




[mistoqsija 4.3, għadd ta' tweġibiet, n=27]

## 5. STATISTIKA

It-tweġibiet juru b'mod ċar li l-istatistika dwar il-kultura għandha tibqa' prijorità transsettorjali.


**Illustrazzjoni 9: Opinjonijiet dwar l-istatistika kulturali bħala prijorità transsettorjali fi Pjan ta' Ħidma futur**



[mistoqsija 5.1, għadd ta' tweġibiet, n=27]

Fir-rigward tal-Grupp ta' Ħidma tal-Istatistika tal-Kultura tal-Eurostat, għalkemm l-Istati Membri kollha huma rrappreżentati fil-grupp, xi wħud wiegħbu li ma jafux (jekk il-pajjiż tagħhom huwiex rrappreżentat f'dan il-grupp) jew ma wiegħbu xejn (illustrazzjoni 10).

**Illustrazzjoni 10: Rappreżentanza tal-Istati Membri fil-grupp ta' ħidma dwar l-istatistika kulturali**




[mistoqsija 5.2, għadd ta' tweġibiet, n=25]

**6. L-ATTIVITAJIET U R-RIŻULTATI TAL-MMK**

Wieħed mill-elementi tal-istħarriġ kienet il-mistoqsija li hija maħsuba biex tiġbor l-opinjoni dwar l-MMK u r-riżultati tiegħu fil-qafas tal-proċess tal-pjan ta' ħidma.

**Illustrazzjoni 11: Opinjoni dwar l-utilità tal-MMK fir-rigward tal-attivitajiet u r-riżultati elenkati**




[mistoqsija 6.1, għadd ta' tveġibiet, n=27]

**Il-laqgħat tal-MMK** (meqjusa bħala opportunitajiet għall-kondivizzjoni tal-għarfien u l-esperjenza, l-iskambju ta' prattiki tajbin, il-laqgħat u n-networking mal-esperti), u **r-rapporti tal-MMK** joffru bħala l-aktar elementi utli ta' dan il-metodu ta' ħidma. Il-valur tar-rapporti jinsab l-aktar fir-rakkomandazzjonijiet ta' politika li ppreżentaw, kif ukoll fl-istudji tal-każ u fl-aħjar prattiki li jippreżentaw. L-MMK jidher inqas utli bħala forum għal preżentazzjonijiet minn rappreżentanti ta' Voices of Culture, li l-kontribuzzjonijiet tagħhom probabbilment jeħtieġu pjattaforma oħra biex jiġu indirizzati kif xieraq.

**7. IL-KONTRIBUT TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI/TAL-PARTIJET IKKONĊERNATI GĦALL-MMK**

L-istħarriġ talab ukoll l-opinjoni tal-Istati Membri dwar il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati u tas-soċjetà ċivili għall-proċess tal-MMK. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jqisu dan il-kontribut bħala utli.

**Illustrazzjoni 12: Opinjonijiet dwar il-valur miżjud tal-kontributi tas-soċjetà ċivili għall-gruppi tal-MMK**




[mistoqsija 7.1, għadd ta' tweġibiet, n=25]

**8. IL-PARTEĊIPAZZJONI TA' PAJJIŻI TERZI FL-MMK**

L-istħarriġ staqsa wkoll dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma. Maġġoranza kbira tal-Istati Membri huma favur il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi tal-EFTA/ŻEE fil-gruppi tal-MMK.


**Illustrazzjoni 13: Opinjonijiet dwar l-utilità tar-rappreżentanti tal-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE li jieħdu sehem fil-gruppi tal-MMK**



[mistoqsija 8.1, għadd ta' tweġibiet, n=27]

Fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, l-Istati Membri jidher li huma ġeneralment favur, iżda jindur li dan jiddependi fuq il-pertinenza tas-suġġett li għandu jiġi indirizzat. Kument wieħed fakkar ukoll dwar il-possibbiltà tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit.

**Illustrazzjoni 14: Opinjoni dwar il-ftuħ tal-gruppi tal-MMK għall-Balkani tal-Punent**




[mistoqsija 8.2, għadd ta' tweġibiet, n=27]

**9. DISSEMINAZZJONI TAL-MMK**

L-Istati Membri ma jaħsbux li l-attivitajiet ta' disseminazzjoni tar-rapporti tal-MMK għandhom jiġu speċifikati fil-pjan ta' ħidma.

**Illustrazzjoni 15: Opinjoni dwar l-ispeċifikar espliċitu tal-attivitajiet ta' disseminazzjoni fil-Pjan ta' Ħidma**



[mistoqsija 9.2, għadd ta' tweġibiet, n=27]


L-Istati Membri enfasizzaw l-involvement tagħhom f'attivitajiet importanti ta' disseminazzjoni. Xi eżempji li jistgħu jissaħħu fil-futur huma: (1) it-traduzzjoni ta' (xi) rapporti u materjali bil-miktub rilevanti oħra għal-lingwi nazzjonali; (2) id-distribuzzjoni tal-informazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati u l-kondiviżjoni ma' awtoritajiet governattivi, nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti, kif ukoll mal-aġenziji, l-istituzzjonijiet

kulturali u l-partijiet ikkonċernati; (3) il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-pjan ta' ħidma fuq is-siti web pubbliċi u t-tixrid tal-informazzjoni fuq il-pjattaformi rilevanti, il-media soċjali (inkluż il-Creative Europe Desk); (4) l-organizzazzjoni ta' dibattiti pubbliċi ma' partijiet ikkonċernati politiċi, konferenzi ma' esperti nazzjonali u ma' kollegi internazzjonali, seminars, diskussjonijiet, sessjonijiet ta' informazzjoni u workshops pubbliċi dwar suġġetti speċifiċi u prattiki tajbin; (5) is-sessjonijiet konġunti tal-membri tal-MMK mal-partijiet ikkonċernati lokali, ma' dawk li jfasslu l-politika u mal-gruppi ta' referenza nazzjonali stabbiliti għal xi MMK.

## 10. IMPATTI TAL-MMK

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jindikaw influwenza moderata tar-rapporti tal-MMK dwar it-tfassil tal-politika (fil-livelli nazzjonali, reġjonali, jew lokali) u dwar il-prattiki tal-partijiet ikkonċernati. Mill-għaxar rapporti prodotti, il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri użaw biss rapport 1 sa massimu ta' 5 rapporti għat-tfassil tal-politika. L-aktar rapport adottat huwa dak dwar *“Arkitettura ta' kwalità għolja u ambjent mibni għal kulħadd”* (imsemmi 13-il darba). L-aktar żewġ rapporti popolari li jmiss, kull wieħed bi tliet rakkomandazzjonijiet, huma: a) *“Minn inklużjoni soċjali għal koeżjoni soċjali – ir-rwol tal-politika dwar il-kultura”*; u b) *“Ir-rwol tal-politiki pubbliċi fl-iżvilupp tal-potenzjal intraprenditorjali u ta' innovazzjoni tas-CCS”*.

**Illustrazzjoni 16: L-influwenza tar-rapporti tal-MMK fuq it-tfassil tal-politika u l-prattiki tas-settur**



[mistoqsijiet 10.1 a/b, għadd ta' tweġibiet, a: n=27, b: n=26]


Hemm diversi tipi ta' azzjonijiet ta' rilevanza għat-tfassil tal-politika li kienu influwenzati direttament mill-MMK, u kollha jirreferu għal qasam tematiku partikolari: (1) għotjiet immirati offruti mill-ministeru lill-istituzzjonijiet kulturali; (2) azzjonijiet, kampanji, proċessi amministrattivi, proġett sperimentali u programmi mill-ministeru, il-gvern lokali, jew is-settur privat; (3) il-parteċipazzjoni fi programmi Ewropej; (4) l-MMK bħala punt tat-tluq jew sors għall-iżvilupp ta' strateġija jew politika nazzjonali; (4) l-organizzazzjoni ta' avvenimenti pubbliċi bħal workshop; (5) stimolu li jibda l-organizzazzjoni l-għdida relatata mas-suġġett tar-rapport; (6) studji kkummissjonati mill-ministeru; (7) il-finanzjament ta' proġetti, inklużi proġetti ta' networking.

Ir-riżultati tal-istħarriġ juru li r-rappreżentanti tal-Istati Membri għandhom it-tendenza li jkunu aktar konxji tal-impatt tar-rapporti tal-MMK fuq it-tfassil tal-politika milli fuq il-prattiki tal-partijiet ikkonċernati kulturali u kreattivi.

## 11. PRESIDENZI TAL-KUNSILL TAL-UE

Ir-riżpondenti kienu pjuttost ċari li huwa utli li tinżamm rabta bejn ir-riżultati tal-pjan ta' ħidma u l-Presidenzi u l-konferenzi, il-konklużjonijiet jew inizjattivi oħra tagħhom. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jaraw ukoll vantaġġ fit-tiżni ta' din ir-rabta u li tkun magħmula aktar produttiva fil-pjan ta' ħidma li jmiss.

*Illustrazzjoni 17: Opinjonijiet dwar l-utilità tal-aġenda dinamika kontinwa*




[mistoqsijiet 11.1 a / b, għadd ta' tweġibiet, n=27]

## 12. QAFAS STRATEĠIKU

Il-maġġoranza tar-riżpondenti tal-istħarriġ jaqblu li hemm valur miżjud fit-trawwim tal-kooperazzjoni politika dwar il-kultura fil-livell tal-UE permezz ta' għanijiet strateġiċi u prinċipji konġunti miftiehma tal-UE għall-politika kulturali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA).

### **Illustrazzjoni 18: Opinjoni dwar it-trawwim ulterjuri tal-kooperazzjoni politika dwar il-kultura fil-livell tal-UE**



[mistoqsija 12.2, għadd ta' tweġibiet, n=24]

Diversi tweġibiet jipprovdu proposti f'konformità mar-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Xi risponenti jissuġġerixxu li s-settur kulturali jeħtieġ u jistenna miżuri effettivi b'appoġġ għall-irkupru tiegħu wara l-pandemija fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE. Risponenti oħra jipproponu l-istabbiliment ta' qafas strateġiku ġenerali għas-settur kulturali li miegħu jistgħu jirrelataw id-dokumenti u l-inizjattivi ta' politika l-oħrajn kollha mill-Kummissjoni, mill-Kunsill, mis-SEAE u minn inizjattivi ewlenin oħra tal-UE. Idea oħra li ġiet espressa hija li jiġi pprovdut qafas strateġiku aktar ċar, forsi billi jkun hemm dokument strateġiku uniku, li jgħaqqad flimkien l-Aġenda u l-pjan ta' ħidma għall-Kultura, filwaqt li jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Imbagħad jistgħu jiġu żviluppati pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi, li jkopru tipi oħra ta' azzjonijiet.


Ġew espressi wkoll xi dubji. Xi Stati Membri jenfasizzaw li waħda mill-missjonijiet ewlenin tal-pjan ta' ħidma hija li jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' prattiki u ideat u mhux li jiġi armonizzat jew li jinbeda proċess minn fuq għal isfel. Il-pjan ta' ħidma huwa meqjus bħala strument strateġiku u operazzjonali stabbilit sew li jaħdem. Hemm ukoll suġġeriment li jiġi rieżaminat ir-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri filwaqt li jitqiesu ċirkostanzi ġodda biex iservi bħala bażi għal aktar riflessjoni. Tweġiba waħda tenfasizza l-ħtieġa għal riċerka dwar il-fattibbiltà u l-benefiċċji ta' koordinazzjoni akbar u fit-tul fil-livell tal-UE, possibbilment inkluż kif dan jista' jikkontribwixxi aħjar għat-tfassil tal-politika fil-livell nazzjonali filwaqt li jirrispetta s-sussidjarjetà.

### **13. ID-DURATA TAL-PJAN TA' ĦIDMA**

Il-maġġoranza l-kbira tar-risponenti (21 SM) jaqblu li d-durata tal-pjan ta' ħidma ta' 4 snin hija xierqa.




**Illustrazzjoni 19: Opinjonijiet dwar id-durata attwali tal-Pjan ta' Ħidma**



[mistoqsija 13.1, għadd ta' tweġibiet, n=27]

Madankollu, kien hemm diversi suġġerimenti biex id-durata tal-pjan ta' ħidma tiġi adattata għal skedi ta' żmien jew għal prijoritajiet oħra bħat-Triju ta' Presidenzi, il-Programm Ewropa Kreattiva jew l-Aġenda 2030.

**Illustrazzjoni 20: Opinjonijiet dwar l-adattament tal-perjodu ta' żmien tal-Pjan ta' Ħidma għal skedi ta' żmien u prijoritajiet oħra tal-UE**




[mistoqsija 13.2, għadd ta' tweġibiet, n=27]

Żewġ risponenti taw raġunijiet għal durata differenti: medda ta' 7 snin b'evalwazzjoni ta' nofs it-terminu li tippermetti l-introduzzjoni ta' aġġustamenti; jew tul ta' 3 snin minħabba r-realtajiet li qed jinbidlu malajr u l-ħtieġa għal reviżjoni tal-prijoritajiet u tal-azzjonijiet.

#### 14. ADATTAMENT TAL-METODI TA' ĦIDMA MINĦABBA L-COVID

Fl-aħħarnett, l-istħarriġ kien opportunità biex jiġi ttestjat l-adattament tal-metodi ta' ħidma minħabba l-pandemija. Nofs ir-rispondenti sabu li l-laqgħat online kienu sodisfaċenti jew saħansitra ta' suċċess, filwaqt li n-nofs l-ieħor sabuom inqas tajbin minn qabel.


*Illustrazzjoni 21: Evalwazzjoni tal-adattament tal-metodi ta' ħidma minħabba l-COVID*



[mistoqsija 14.1, għadd ta' tveġibiet, n=27]

Il-format rakkomandat tal-metodu ta' ħidma wara l-pandemija għandu t-tendenza li jkun aktar fid-direzzjoni ta' laqgħat ibridi u fiżiċi.

*Illustrazzjoni 22: Opinjonijiet dwar il-futur tal-metodi ta' ħidma wara l-COVID*



[mistoqsija 14.3, għadd ta' tveġibiet, n=27]

#### 15. SUĠĠERIMENTI FINALI GĦAL TITJIB U ĦSIBIJET OĦRA

Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ngħataw l-opportunità li jesprimu l-ideat liberament f'taqsimi b'test miftuħ fi tmiem il-kwestjonarju.

L-użu ta' metodoloġiji parteċipattivi fit-tfassil tal-pjanijiet ta' ħidma futuri huwa fost is-suġġerimenti ewlenin, enfazzat bħala mod kif jiġu stabbiliti u jinġabru flimkien is-suġġerimenti u l-kompiti. Xi rispondenti jipproponu feedback aktar regolari mill-Kumitat għall-

Affarijiet Kulturali dwar inizjattivi, avvenimenti u pubblikazzjonijiet relatati mas-suġġett. Oħrajn isemmu li d-disseminazzjoni u l-użu tar-riżultati jeħtieġ li jittejbu. Barra minn hekk, ir-rispondenti jirrikonoxxu li l-pjan ta' ħidma l-ġdid jista' jkun aktar orjentat lejn ir-riżorsi u jevita l-multiplikazzjoni tal-gruppi tal-MMK, li huma meqjusin utli iżda b'piż amministrattiv kbir. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni simultanja fil-laqgħat tal-MMK tista' tiffaċilita x-xogħlijiet, u t-traduzzjoni tar-riżultati ewlenin tal-MMK (sommarij eżekuttivi, rapporti, rakkomandazzjonijiet) hija meqjusa wkoll bħala mezz biex jittejjeb l-impatt ta' din il-ħidma fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. In-negozjar tal-mandati tal-MMK fis-CAC ġie enfasizzat ukoll bħala titjib importanti fil-proċess.